MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 246/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

v

Romeo Cilia

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 44979(M), akkuzat talli:

1. fis-16 ta' Marzu 2003 ghal habta tas-1.00pm gewwa l-Imqabba minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Angelo Borg f'perikolu car ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' l-istess Angelo Borg liema offiza ggib mankament jew sfregju fil-wicc kif iccertifika Dr Milenkovic MD ta' SHL bi ksur ta' l-Artikolu 214,216,218(1)(a) u/jew (b) tal-Kap 9;

2. fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba li tapplika l-provediment tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali li bihom bghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha tieghu;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat li ikkaguna ferita gravi taht l-artikoli 214 sa 218 tal-Kap 9; hu akkuzat wkoll bl-offiza kontravenzjonali li qal kliem oxxen u indecenti bi ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9.

Illi l-fatti li taw lok ghal dina l-kawza graw fil-Kazin Nazzjonalista tal-Imqabba fejn kienu, fost nies ohra, l-imputat u l-midrub. Difatti jidher li kien hemm nies mhux hazin gewwa l-kazin fil-hin li nqala l-incident meritu dina l-kawza u jirrisulta li l-incident in kwistjoni iddegenera f'rissa bejn iz-zewg protagonisti ta' dan il-kaz meta nqala bejnithom xi argument fuq xi tfajla. Il-fatt tal-feriment jirrisulta wisq car kif wisq car ukoll jirrisulta li kien ta' natura gravi billi kienet giet perforata l-ghajn il-leminija tal-parti leza bil-konsegwenza li l-vista taghha minn dik l-ghajn hija permanentement imcajjpra. Huwa wkoll fatt mhux kontestat li l-ferita giet ikkagunata mill-imputat permezz ta' tazza.

Illi mix-xhieda tal-parti leza jirrisulta illi immedjatament qabel l-feriment huwa kien issotta lill-imputat b’xi birra dejjem fil-kuntest tal-argument li nqala bejnithom. L-imputat minn naha tieghu ma jichadtx li laqghat lill-parti b’tazza izda jghid li din l-azzjoni tieghu kienet involontarja. Din pero’ mhiex il-fehma tal-Qorti li hi konvinta li l-imputat irrejagixxa wara li gie issottat bil-birra pero’ minghajr ma ridt jikkawza dik il-ferita, jigifieri fl-entita’ u l-gravita’ taghha, li mbaghad segwit. Din il-Qorti ghalhekk tqis r-reat bhala wiehed volontarju, billi hi tal-fehma li l-imputat ried jikkawza xi hsara anka jekk zghira, li tehtieg bhala intenzjoni dik generika. F’dan il-kaz il-kompartament u l-konsegwenti rejazzjoni tal-imputat kellha konsegwenzi koroh billi gabet disabilita’ permanenti li mhiex newtralizzata bl-iskuzanti riferita fl-artikolu 227(c) b’referenza ghall-artikolu 230(b) tal-Kap 9.

Dwar l-offiza kontravenzjonali riferita fl-artikoli tal-Avukat Generali din ma tirrisultax mill-provi.

Ghaldaqstant, qeghdha ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza izda mhux tat-tieni li minnha qeghdha tilliberah. Rat l-Artikolu 7, 215, 216(b), 218(b), 227(c), 230(c), 233(a) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tikkundanna lill-imputat tmintax il-xahar prigunerija li pero’ wara li qieset ic-cirkostanzi qeghdha tissospendihom ghall-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija f’dan il-perjodu sospiz.

Fil-waqt li l-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skont dina s-sentenza mhiex tal-fehma li ghandha tapplika kontra tieghu l-Artikolu 383 u lanqas l-Artikolu 533 billi fir-rigward ta’ dan l-ahhar artikolu ma rrizultax li gew inkorsi xi spejjez ta’ esperti.

Fl-ghoti tal-piena l-Qorti ikkonsidrat ukoll l-Artikolu 20, 23, u 533 tal-Kap 9 citati mill-Avukat Generali dwar liema rigward l-ewwel piena f’kull kaz hi fil-parametri li tiffissa l-

ligi, waqt li dwar l-ahhar zewg artikoli citati huma palesament ma jinkwadrawx.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------